KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM
GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

**MINUTI – LAQGĦA AD HOC**
**IS-SEBA` KUNSILL**
**It-Tlieta, 11 ta' Ġunju, 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-12.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti: | Franco Ciangura | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |

**Permess t'attività fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi hi miftehma ma' Franco Ciangura biex issir kommunikat miegħu bit-*telephone* waqt id-diskussjoni. L-uffiċjal Eżekuttiv infurmat lill-preżenti li Stephen Mercieca għadu kif ċempel u qal li mhux se jattendi għal laqgħa, filwaqt li qabel kien ikkonferma mas-Segretarju Eżekuttiv li se jattendi.

Is-Sindku qara l-*email* li rċieva l-Kunsill mingħand Derek Meilek rigward talba għall-permess t'attività fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar, nhar it-30 ta' Ġunju. Is-Sindku spjega li kien importanti li ssir laqgħa t'urġenza peress li jekk se tiġi approvata din it-talba, hemm ħafna preparamenti x'isiru.

Waqt id-diskussjoni bejn il-preżenti, tqajmu ħafna punti favur din it-talba kif ukoll kontra. Il-kunsill ħa inkonsiderazzjoni l-*benessere* tar-residenti t'Għajnsielem, u x'ilmenti jista' jkun hemm jekk jingħata l-permess għal din l-attività. Issemmiet ukoll l-problema tal-aċċessiblità li fiha t-triq, kemm biex tinżel kif ukoll biex titla'. Barra minhekk, il-Kunsill wera d-dubbji tiegħu wkoll fuq kemm il-post msemmi jiflaħ għal dik il-massa ta' nies li jattendu għal din l-attività.

Dak il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat ma' Franco Ciangura u saret diskussjoni fuq l-*ispeaker*, bejn il-preżenti u Franco Ciangura. Ġie deċiż li din id-darba ma jingħatax il-permess bl-argument li l-bajja u l-*promenade* mhumiex addattati għal dik il-massa tan-nies fejn din l-attività tista tkun ta' periklu għal min jattendi.

J.F. De Chambray Street, Ghajnsielem. GSM 1501
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

**Tmiem il-Laqgħa**

Is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-12.30pm

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv

J.F. De Chambray Street, Ghajnsielem. GSM 1501
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt